# QORTI KRIMINALI

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

Att ta' Akkuża numru 11/2020

Ir-Repubblika ta' Malta

kontra

**Geraldine Mora Huizi**

Illum 9 ta' Marzu, 2021

Il-Qorti,

Rat l-att tal-Akkuza numru 11 tas-sena 2020, migjuba fil-konfront ta' Geraldine Mora Huizi, detentrici tal-Passaport tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezuela bin-numru 123656724, fejn l-Avukat Generali fl-ewwel kap ipremetta:

Illi fl-għoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) il-Pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati illi dak in-nhar stess kellu jasal Malta abbord titjira LX2596 tas-SwissAir minn Zurich għal ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' waranofsinhar (14.30) ċertu David Rafael Castillo numru tal-passaport Venezweljan 137231722 fejn kien hemm suspett raġonevoli li seta' kien qed iġorr xi droga.

Illi mill-investigazzjoni rriżulta li fil-ġranet ta' qabel kif ukoll nhar l-għoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) l-akkużata Geraldine Mora Huizi ddeċidiet li tassoċja ruħha ma persuni oħra bil-għan li tittraffika d-droga kokajina. Illi in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub l-akkużata marret São Paolo l-Brazil fejn iltaqgħet ma diversi persuni fosthom l-imsemmi David Rafael Castillo fejn hemmhekk ġew mgħoddija lilha mal-mitt (100) kapsola kontententi s-sustanza tad-droga kokajina bil-għan illi timportaha u tikkonsenjaha ġewwa Malta ai fini ta' traffikar. Illi filfatt mill-investigazzjonijiet tal-pulizija rriżulta li Geraldine Mora Huizi l-ewwel siefret lejn il-Brazil, fejn hemmhekk belat l-imsemmija kapsoli bil-għan illi taħbi u taħżen l-imsemmija droga ġewwa ġismimha, fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) minn São Paolo siefret lejn l-Isvizzera b'titjra LX0093 tas-Swiss Air flimkien ma David Rafael Castillo li bħalha kellu d-droga maħżuna f'ġismu u l-għada l-għoxrin (20) ta' Novembru minn Zurich qabdet

it-titjira KM491 tal-Air Malta għal Malta. Illi hija ngħatat telefon ċellulari bil-għan illi tkun tista' tikkommunika mal-persuni l-oħra mal-wasla tagħha ġewwa Malta. Illi minn aktar stħarriġ irriżulta li l-persuna l-oħra David Rafael Castillo wkoll kienet qabdet titjira lejn Malta fl-għoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) minn Zurich iżda b'titjira LX2596 tas-SwissAir, filfatt din l-aħħar titjira waslet Malta qabel it-titjra tal-Air Malta.

Illi propju fl-għoxrin (20) ta' Novembru tal-elfejn u sittax (2016) il-pulizija tal-iskwadra ta' kontra d-droga kienet interċettat lill-imsemmi David Rafael Castillo mal-wasla tiegħu fl-ajruport ta' Malta fejn mill-effetti personali tiegħu irriżulta li huwa seta kien ibbukja ġewwa l-lukanda Bugibba Hotel sitwata fi Triq It-Turisti ġewwa l-Qawra, Bugibba. Illi l-pulizija ddeċidiet li tirrikorri fl-imsemmija lukanda bil-għan illi jikkonfermaw jekk kinitx marret xi persuna ssaqsi għal David Rafael Castillo fejn irriżulta li dak in-nhar stess kienet daħlet mara ta' nazzjonalita' Venezueljana bħala *walk in* fejn skont l-impjegati tal-lukanda kienet tidher kemmxejn aġitata fejn dawna kkonfermaw li kienet qed tagħmel użu tal-kamra 212. Illi malli l-pulizija aċċediet f'din il-kamra huma sabu lil akkużata Geraldine Mora Huizi fejn irriżulta li filfatt kienet ġa rriġettat xi kapsoli. Illi malli stabbilit dan il-fatt il-pulizija għaddiet għall-arrest tal-akkużata, ingħatawla s-soliti drittijiet u twissijiet kif ukoll bħala prekawzjoni ġie deċiż oltre sabiex tittieħdet l-isptar Mater Dei sabiex tiġi eżaminata tramite ta' X Ray bil-kunsens tagħha.Illi minn tali eżami rriżulta li kellha oġġetti estraneji u għalhekk ġie deċiż li tinżamm l-isptar għal aktar osservazzjoni. Illi kemm damet l-isptar l-akkużat baqgħet tirriġetta numru konsiderevoli ta' kapsoli. Illi bħala kapsoli b'kollox ġew elevati tlieta u disgħin (93) waħda li ġew mgħoddija lill-espert spiżjar għal eżamijiet fil-laboratorju. Illi skont l-akkużata l-kumplament tal-kapsoli rriġettathom meta kienet għadha Zurich.

Illi mill-eżamijiet li saru fuq l-imsemmija kapsoli ġie kkonfermat li kienu jikkontjenu s-sustanza tal-kokajina fejn il-piż totali kien dak ta' kilo u għoxrin punt wieħed u sebgħin grammi (1,020.71) b'purita ta' ċirka tmienja u tletin fil-mija (38%) b'valur dak iż-żmien ta' tmienja u sittin euro (€68) kull gramma għal total ta' disgħa u sittin elf, erba' mija u tmien euro u tmienja u għoxrin ċenteżmi ( €69,408.28).

Illi d-droga kokajina hija kkontrollata taħt l-Ewwel Skeda tat-Taqsima I tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

Illi b'għemilha l-akkużata Geraldine Mora Huizi saret ħatja talli assoċjat ruħha flimkien u ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex jimportaw, ibiegħu jew jitraffikaw d-droga kokajina f'dawn il-Gżejjer bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew li ppromwoviet, ikkonstitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmi akkużata Geraldine Mora Huizi ħatja talli assoċjat ruħha flimkien u ma persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex jimportaw, ibiegħu jew jitraffikaw id-droga kokajina f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużata Geraldine Mora Huizi u illi tiġi kkundannata għal piena ta' priġunerija għal għomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern kemm tal-oġġetti kollha li servew biex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobbli oħra tagħha hekk misjub ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 22(1)(a)(f)(1A)(1B), 22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d), 22(9), 22A, 24 , 24A 26 u 28 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużata Geraldine Mora Huizi.

Illi l-Avukat Generali fit-tieni Kap ipremetta:

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikat fl-Ewwel Kap ta' Akkuża u cioe fl-għoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) u fil-ġranet ta' qabel, l-akkużata Geraldine Mora Huizi ddeċiediet li timporta d-droga kokajina fil-gżejjer Maltin fejn irriżulta li l-akkużata volontarjament u xjentement għamlet vjaġġ li beda minn Venezuela għal Brazil senjatament ġewwa São Paolo fejn hemmhekk ħażnet madwar kilo kokajina ġewwa ġisimha, mill-Brazil siefret lejn l-Isvizzera u minn Zurich siefret lejn Malta u dan kollu sar bl-iskop li l-akkużata timporta u tittraffika l-imsemmija droga li tirrappreżenta mediċina perikoluża u sustanza llegali skont il-liġijiet ta' Malta. Illi kieku l-imsemmija droga ma ġietx interċettata minn fuq l-akkużata din id-droga kienet se tispiċċa f'idejn l-akkużata u sussegwentement f'idejn terzi persuni ġewwa Malta bi ftehim mal-akkużata u li faċilment setgħu jittraffikawha għal skopijiet ta' lukru. Illi b'hekk bis-saħħa tal-akkużata din id-droga ġiet importata ġewwa Malta b'mod ampjament illeċitu.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga kokajina.

Illi b'għemilha Geraldine Mora Huizi saret ħatja talli mportat, ġiegħlet li tiġi importata jew għamlet xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta u ċioe' meta ma kellhiex liċenzja jew awtorizażżjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' tali mediċina.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmija Geraldine Mora Huizi talli mportat, ġiegħlet li tiġi importata jew għamlet xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużata Geraldine Mora Huizi u illi tiġi kkundannata għal piena ta' priġunerija għal għomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobli oħra tagħha hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(b), 13, 14, 15A, 22(1)(a)(1B), 22(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(ċ)(d), 22(9), 22A, 24 , 24A 26 u 28 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi u r-regola 4 tal-liġi sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' tingħata skont il-liġi.

Illi l-Avukat Generali fit-tielet Kap ipremetta:

Illi finalment u dejjem fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fl-ewwel żewġ Kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u cioe fl-għoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) minħabba l-fatt li t-tlieta u disgħin (93) kapsola indubjament ġew elevati minn fuq l-akkużata u peress li wara l-analiżi meħtieġa li saru irriżulta li f'dawn il-kapsoli kien hemm id-droga kokajina u cioe mediċina perikoluża u illegali ai termini tal-liġijiet ta' Malta, l-akkużata kienet fil-pusses tal-imsemmija droga.

Illi mill-provi prodotti ma rriżultax li l-akkużata Geraldine Mora Huizi għandha problema ta' droga u tenut kont ukoll il-mod kif kienet maħżuna d-droga fl-ammont ta' tlieta u disgħin (93) kapsola jsegwi li tali droga ma' kinitx intiża għall-użu esklużżiv tagħha;

Illi l-akkużata Geraldine Mora Huizi ma kinitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-liġi li tippermettilha jkollha fil-pussess tagħha din id-droga;

Illi b'għemilha l-akkużata Geraldine Mora Huizi saret ħatja talli, kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura l-imsemmija droga, u mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga, u ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-

Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollha l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilha għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli, b'dana li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tagħha;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmija akkużata Geraldine Mora Huizi ħatja talli kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tagħha, dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u talab li  Geraldine Mora Huizi tiġi kkundannata għal piena ta' priġunerija għal għomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern tal-oġġetti li servew sabiex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobli oħra tagħha hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 13, 14, 22(1)(a), 22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d), 22(9), 22A, 24 , 24A, 26 u 28 tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta u r-regola 9 tal-liġi sussidjarja 101.02 u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużata Geraldine Mora Huizi.

Rat l-atti kollha tal-process inkluz dawk ta' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Rat ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u ta' Geraldine Mora Huizi, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Frar, 2021 fejn gie espost bir-rispett:

Illi l-esponenti, filwaqt li jiddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, umilment talbu lil din l-Onorabbli Qorti illi fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzata Geraldine Mora Huizi ghall-akkuzi migjuba kontriha fit-tliet (3) Kapi tal-Att tal-Akkuza, fl-ismijiet fuq premessi, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqha minn din l-Onorabbli Qroti ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva ghal-perjodu ta' ghaxar (10) snin flimkien ma multa ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000). Dan oltre l-hlas tal-ispejjez peritali u kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra tassttiva ghad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija ai termini

tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet t' Malta, inkluz il-konfiska ta' kawlunkwe flejjes u tal-propjeta' mobbli jew mmobbli appartenenti lill-istess akkuzata.

Rat illi waqt is-seduta ta' llum l-akkuzata Geraldine Mora Huizi ammettiet l-akkuzi dedotti fil-konfront taghha u kkonfermat tali ammissjoni anke wara li l-Qorti spjegatilha il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u taghta zmien tikkunsidra l-ammissjoni taghha u dan ai termini tal-artikolu 453 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, u in vista' ta' din l-ammissjoni, il-Qorti tiddikjara lill-imsemmija Gerldine Mora Huizi hatja talli:

1. Assoċjat ruħha flimkien u ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex jimportaw, ibiegħu jew jitraffikaw d-droga kokajina f'dawn il-Gżejjer bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew li ppromwoviet, ikkonstitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assoċazzjoni.

2. Importat, ġiegħlet li tiġi importata jew għamlet xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta u ċioe' meta ma kellhiex liċenzja jew awtorizażżjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' tali mediċina.

3. Kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellha liċenzja jew

xort'oħra awtorizzata li timmanifattura l-imsemmija droga, u mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga, u ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollha l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilha għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli, b'dana li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tagħha;

Ikkunsidrat,

Rat illi d-difiza u l-prosekuzzjoni qablu fir-rigward tal-piena li ghandha tinghata lill-akkuzat Geraldine Mora Huizi u cioe' dik imsemmija fin-nota konguntiva taghhom pprezentata fl-atti nhar il-25 ta' Frar, 2021.

Ikkunsidrat,

Ghar-rigward tal-hatja Geraldine Mora Huizi il-partijiet talbu lil din l-Onorabbli Qorti tapplika l-piena imsemmija fin-nota taghhom.

Rat il-gurisprudenza ta' din il-Qorti fejn jidhol assocjazzjoni u traffikar tad-droga kokaina f'ammonti konsiderevoli, senjatament <u>'Ir-Repubblika ta' Malta vs David</u>

Castillo Rafael'[1], 'Ir-Repubblika vs. Jose Manuel Domingo Benito[2]', 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Lucie Azuka[3]' u 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Stiano Agius'[4].

Rat ir-relazzjoni tal- Ispizjar Godwin Sammut (DOk GS1) pprezentata nhar it-18 ta' Jannar, 2018 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja, rigwardanti s-sejba ta' droga msemmija, li huwa identifika is-sustanza bhala droga kokaina, u li l- piz totali ta' 1020.71 grammi ta' valur estimat €69,408.28 u li l-persentagg medju ta' kokajina fil-materjal kien ta' cirka 38%.

Rat il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta'Malta vs. Nicholas Azzopardi**[5]"; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**[6]" "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[7]" (kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Illi din il-Qorti thoss li allura f'dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula fil-25 ta' Frar, 2021 u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 13, 14, 15, 15A, 16, 17, 18, 22(1)(a)(d)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, 26 u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 2 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lil hatja Geraldin Mora Huizi ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal-perjodu ta' **ghaxar snin priguneria**, flimkien ma **multa ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000)** li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita f'sena prigunerija ai termini tal-artikolu 11 tal-Kodici Kriminali.

Tikkundanna wkoll lil hatja thallas s-somma ta' tlett elef, erba' mija u disa' u sittin Ewro u wiehed u sebghin centezmu **(€3,469.71),** rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

---

[1] Deciza mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Jannar, 2019
[2] Deciza mill-Qorti Kriminali fis-6 ta' Jannar, 2016
[3] Deciza mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Marzu, 2015
[4] Deciza mill-Qorti Kriminali fis-26 ta' Jannar, 2015
[5] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhr l-24 ta' Frar 1997
[6] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002
[7] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002

Jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien sena mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hatja.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota, li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data tas-sentenza appellata, li d-droga esebita hija mehtiega ghal konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jingiebu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appozita b'kopja li ghandha tigi innotifikata lill-Avukat Generali u lill-hatja.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur